MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2014

Numru. 597/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J. FENECH**

**VS**

**LEON CARUANA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Leon Caruana, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 637382 (M).

**Akkuzat talli:**

Fil-lejl ta` bejn il-25 u s-26 ta` Gunju, 2014, f'Birzebbuga:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta` Paul Attard minn

Hal Safi u Anthony Portelli minn Birzebbuga, liema ammont tal-hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imam tiskorri l-mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

2. Ikkaguna griehi ta` natura hafifa fuq il-persuni ta` Anthony Portelli skont kif iccertifika Dr. James Farrugia, MD, mic-Centru tas-Sahha ta` Rahal Gdid;

3. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Anthony Portelli u Lisa Van Der Kaaden, u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta` fastidju ghal dawk il-persuni;
4. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-haddiehor biza` li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta` tieghhu jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta` xi had mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil xi haddiehor hekk biza` kull darba minn dawk l-okkazjonijiet;

5. Hebb kontra Anthony Portelli sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara, kif ukoll;

6. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet gentilment mitluba tittratta mal-imputat bhala wiehed li kiser kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta` Malta moghtija mill-Magistrat Dr. E. Grima, LL.D., fl-24 ta` Lulju, 2012.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba tohrog ordni ta` protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-istess Kapitolu ghas-sigurta` ta` Anthony Portelli u Lisa Van Der Kaaden, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta` htija, ma` kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Fl-ahharnett, il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 325 (1) (b), 221 (1), 251 (A) (B) u 339 (d) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li l-Qorti rat li l-*parte civile* hafer lill-imputat ghall-incident u rrinunzja ghall-azzjoni kriminali kif ukoll ghazel li ma jixhedx, stante li jista` jinkrimina ruhu;

Wara li l-Qorti rat ukoll lill-imputat *seduta stante* ihallas is-somma dovuta lill-*parte civile* l-ammont ta` mitejn u hamsin ewro (€250) ghas-saldu tad-danni kollha kkagunati f'dan l-incident.

**Ikkunsidrat:**

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni minbarra dik l-akkuza dedotta kontrih numru wiehed, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati fuq l-akkuzi l-ohra li lilu gew addebitati.

Fir-rigward tal-piena dina l-Qorti qiedgha tillibera lill-istess imputat mill-akkuza numru wiehed dedotta kontrih mill-Prosekuzzjoni, filwaqt li rigward l-akkuzi l-ohra dedotti kontrih dina l-Qorti tiddeciedi procediment ezawrit.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------